DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 97/2011

tat-30 ta' Settembru 2011

li temenda l-Anness X (Servizzi inġenerali) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikulari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness X tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 102/2010 tal-1 ta' Ottubru 2010 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/425/UE tat-28 ta' Lulju 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2009/767/KE rigward l-istabbiliment, il-manutenzjoni u l-pubblikazzjoni ta' listi ta' fiduċja ta' forniturі ta' servizz ta' ċertifikazzjoni sorveljati/akkreditati mill-Istati Membri ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 1b (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/767/KE) fl-Anness X għall-Ftehim:

", kif emendat permezz ta':

— **32010 D 0425:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/425/UE tat-28 ta' Lulju 2010 (ĠU L 199, 31.7.2010, p. 30)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2010/425/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 332, 16.12.2010, p. 52.
([2]) ĠU L 199, 31.7.2010, p. 30.

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.